

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1182**tat-3 ta' Lulju 2019****dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Id-Dritt tal-UE, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli"***(notifikata bid-dokument C(2019) 4972)***(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Id-Dritt tal-UE, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli" jirreferi għal dan li ġej: "Riskji sistemiċi fi Spanja, it-trattament ta' gruppi minoritarji u l-ħtieġa urġenti li titħeġġeġ l-azzjoni biex tgħin biex il-pajjiż jiġi demokratizzat u jiġi allinjat mal-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-UE."
- (2) L-għanijiet tal-proposta għal inizjattiva taċ-ċittadini jirreferu għal dan li ġej: "L-għan tagħna huwa li niżguraw li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Parlament ikunu konxji bis-sħiħ tas-sitwazzjoni attwali fi Spanja, ir-riskji sistemiċi fil-pajjiż, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-prinċipji gwida tal-liġi tal-UE u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jgħinu fit-titjib tal-istandards demokratiċi fi Spanja, biex b'hekk jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-libertajiet tal-gruppi minoritarji u taċ-ċittadini Spanjoli kollha permezz tal-liġi u l-istrumenti tal-UE."
- (3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta'inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.
- (5) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva taċ-ċittadini proposta, sakemm il-kundizzjonijiet skont 4(2)(a) sa (d) jiġu ssodisfati.
- (6) L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tistieden lill-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni fi Spanja fir-rigward tal-moviment għall-indipendenza tar-reġjun Katalan fil-kuntest tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt" (COM(2014)158) u, skont il-każ, biex tieħu passi f'dak il-kuntest. Min-naħa l-oħra, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tistedinx lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni.
- (7) Għal dawn ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, manifestament taqa' barra mis-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini li timplimenta t-Trattati fis-sens tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, li jinqara flimkien mal-punt 1 tal-Artikolu 2 tiegħu ta' dak ir-Regolament.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata "Il-liġi tal-UE, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli" hija b'dan irrifutata.

⁽¹⁾ ĠUL 65, 11.3.2011, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "il-liġi tal-UE, id-drittijiet tal-minoranzi u d-demokratizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Spanjoli", irrappreżentati mis-Sinjura Elisenda PALUZIE u s-Sur Gérard ONESTA li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President
